**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 17 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Raymond Aquilian**

**Vs**

**Andrew Grima**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Andrew Grima ta' 38 sena iben John u Anoinette xebba Gauci imwieled Sliema nhar l-20 ta' Gunju 1979 u residenti gewwa 20, Triq San Gakbu, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 408779M;

1) Akkuzat talli f'Settembru 2017 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel atti ta' 'money laundering' billi:

1.1) Ikkonverta jew trasferixxa propjeta' meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-propjeta jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita kriminali;

1.2) Heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fe jew fuq propjeta', meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjeta' kienet

inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

1.3) Akkwista propjeta' meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

1.4) Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminiali;

1.5) Ittanta jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

1.6) Agixxa bhala komplici fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv), u (v).

2) Kif ukoll akkuzat talli f'Settembru 2017 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti, wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

2.1) Wettaq kummerc bankarju jew ta' hrug ta' flus elettronici f'Malta jew minn Malta meta ma kienetx kumpannija licenzjata taht l-Att dwar il-Kummerc Bankarju mill-awtorita kompetenti ai termini ta' l-artikolu 5 tal-Kapitlu 371 u Avviz Legali 155 ta' l-1999 emendat bl-Avviz Legali 385 ta' 2003;

3) Kif ukoll akkuzat talli f'Settembru 2017 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

3.1) Wettaq kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta meta ma kienx kumpanija licenzjata taht l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji mill-awtorita kompetenti u dan ai termini ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar iStituzzjonijiet Finanzjarji u l-Avviz Legali 357 ta' 2002 emendat bl-Avviz Legali 386 ta'

2003 billi nnegozja fi strumenti ta' swieq finanzjarju kif ukoll fi strumenti ohra finanzjarja li jistghu jigu trasferiti;

4) Kif ukoll akkuzat talli f'Settembru 2017 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

4.1) Ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi wieghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-Ligi.

5) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma propjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli, ai termini ta' l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 Ligijiet ta' Malta, ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta;

6) Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika d-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 23(A)(2) tal-Kodici Kriminali;

7) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

8) Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-pieni skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat il-kontro ordni tal-Avukat Generali datat 23 ta' Marzu 2018, fejn gew indikati l-Artikoli tal-ligi li tahthom seta' jghaddi in gudizzju l-imputat;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-istess imputat, fejn il-partijiet qablu fuq piena li setghet tinghata ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-17 ta' Mejju 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 5(1) u 35(1)(e)(3) tal-Kap 371 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(1) u 22(1)(a)(4) tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa t'erbat elef euro (€4,000).

Tordna l-konfiska tal-ammont ta' sitta w tletin elf u hames mitt euro (€36,500).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**